**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 50/2023**

**24 ta' Jannar 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**50.01 Talba**

50.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**50.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

50.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**50.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 49-22**

50.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 49-22 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsillier Ellul jipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

**50.04 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 50/23**

50.04.01 L-iskeda ta' Pagamenti 50/23 ġiet approvata unanimament.

**50.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

50.05.01 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar Programm edukattiv *online* imsejjah iSapport għad-Dimensja. Is-Sindku u l-Kunsilliera Ellul, D'Amato u Sciberras urew interess f'dan il-programm.

50.05.02 Ċirkulari Cir AKL 2023/007 mingħand l-AKL dwar Laqgħat għall-VOs fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill approva li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

50.05.03 Korrispondenza mingħand *Refablightblue Partnership* dwar *Used Oil Recycling Project*. Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax f'dan il-proġett.

50.05.04 Korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar il-provvista ta' boroż għall-iskart organiku sabiex jitqassmu lir-residenti. Peress li l-ammont ipprovdut huwa wieħed limitat, ġie deċiż li l-avviż fuq il-paġna tal-*Facebook* tal-Kunsill għandu jkun hemm imniżżel li l-ammont huwa limitat sabiex ma jkunx hemm problemi aktar il-quddiem.

50.05.05 Ċirkulari Cir AKL 2023/003 mingħand l-AKL dwar *Personal Accident Policy*. Ġie deċiż li jekk il-ħaddiema industrijali mhux inxurjati mill-iskemi rispettivi tagħhom, dawn għandhom jiġu nklużi f'din il-Polza.

50.05.06 Korrispondenza mingħand Adrian Mifsud ta' *Boom Consultancy* li huwa d-*Data Protection Officer* tar-Reġjun Nofsinhar li qed jagħti stima ta' mhux aktar minn € 1,260 + VAT għas-servizzi tiegħu sabiex il-Kunsill ikollu qafas ta' *Data Protection*. Il-Kunsill approva din l-istima.

50.05.07 Ċirkulari nru 11/2022 mingħand id-DLG dwar Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

50.05.08 Korrispondenza mingħand is-CRPD sabiex ikun hemm *Reserved Parking* għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali viċin l-ATM fi Triq Dawret it-Torri. Il-Kunsill approva unanimament din it-talba.

50.05.09 Korrispondenza mingħand *The Friendship Association Malta-Algeria* dwar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi permezz fost oħrajn ta' ġemellaġġi. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

**50.06** ***Performance Appraisal* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

50.06.01 Wara diskussjoni qasira dwar is-suġġett fejn il-Kunsillieri semgħu x'kellu xi jgħid is-S.E. dwar iż-żewġ Assistenti Prinċipali, ġie unanimament deċiż li dawn għandhom jingħataw il-massimu ta' 6% bħala *Performance Bonus*. Fir-rigward tas-S.E. u tad-Deputat S.E., is-Sindku irrakkomandat li anke dawn jingħataw il-massimu ta' 10% u anke hawnhekk il-Kunsillieri approvaw unanimament. Is-S.E. irringrazzja lill-Kunsill f'ismu u f'isem il-kollegi tiegħu.

**50.07** **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023**

50.07.01 Kopja ta' dawn l-Estimi Finanzjarji kienu ntbagħtu lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija. Wara spjega mis-SE, dawn l-Estimi ġew approvati unanimament.

**50.08** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.08.01 Is-Sindku nfurmat li IM kienu nfurmawha li kienu ser jgħaddulna ftehim sabiex IM tibqa tieħu ħsieb il-manutenzjoni tas-siġar li tħawlu fi Triq il-Prinjoli sa Ġunju 2024 fejn imbagħad dawn jgħaddu għand il-Kunsill. F'dan il-punt il-Kunsillier Ellul oġġezzjona għal mod kif tħawlu s-siġar fil-masġar Karl Chircop u s-Sindku infurmat li kienet ser tinvestiga. Is-Sindku qalet ukoll li filwaqt li konna rġajna ktibna dwar lis-*snag list* li kien għadu ma sar xejn minnha, konna ġejna nfurmati li t-toroq pendenti taħt il-proġett ta' Sant Lucija kienu ser isiru fil-ġejjieni qarib.

50.08.02 Is-Sindku nfurmat li kienet saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar pjanti riveduti għaċ-Ċentru Ċiviku li kien ser ikun fuq skala iżgħar minn dak proġettat oriġinarjament. Il-Kunsillier Sciberras oġġezzjona għal ħin li fih saret il-laqgħa mal-Perit peress li huwa ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol u fiċ-ċirkostanzi kien hemm qbil li laqgħat oħra jsiru f'ħin li jkun jista' jattendi kulħadd. F'dan l-istadju l-Viċi Sindku nforma li kien għadu kif ġie nfurmat li kien inħatar bħala Ambaxxatur għall-Klima u l-Enerġija tal-Kumitat tar-Reġjuni (CoR)

***Il-Kunsillier Sciberras ħalla l-laqgħa fis-6.30 pm minħabba mpenji personali.***

50.08.03 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' uffiċċjali tal-Pulizija fejn kienet ġiet infurmata li kienu ser jibdew ix-xogħlijiet sabiex il-bini tal-Għassa tal-Pulizija kienet ser tinbidel f'uffiċċju kontra l-Vjolenza Domestika kif ukoll uffiċċju tal-Pulizija tal-Komunità u li għalhekk ser ikun hemm presenza ta Pulizija 24/7. Hija qalet ukoll li kienet saritilha talba sabiex fil-parkeġġ faċċata tal-Għassa jiġi nstallat *Electric Charger*. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan l-iżvilupp u approva li ssir talba għall-*Electric Charger*.

50.08.04 Rigward ir-RVM tal-BCRS, is-Sindku nfurmat li kienet ġiet infurmata li s-sit magħżul mill-Kunsill ma kienx ġie approvat minn TM. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li l-Kunsill jipproponi li din issir fil-pjazzetta faċċata tal-Għassa.

50.08.05 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna l-approvazzjoni għal *Direct Order* sabiex il-Kunsill ikun jista' jixtri l-Van li għalih ingħata l-fondi mill-iskema tal-LESA u li diġà kien sar id-depożitu fuq l-istess van. Hija qalet li probabbli li l-Kunsill ser ikun eliġibbli wkoll li jieħu rifużjoni ta' € 12,000 minn skema tal-Gvern għax-xiri ta' vetturi elettriċi.

50.08.06 Dwar il-Ġnien tas-Serenita', s-Sindku nfurmat li kienet ġiet infurmata li sa Marzu għandha tkun weħlet il-pompa għall-vaska l-kbira. Hija qalet ukoll li jidher li finalment kienet is-solviet il-problema tad-dawl dejjem jinqata u fiċ-ċirkostanzi ġie approvat li jinxtraw *bollards* ġodda sabiex jinbidlu dawk eżistenti li ħafna minnhom ma għadhomx tajbin. Ġie approvat ukoll li l-Kunsill għandu jkollu persuna li tkun responsabbli minn dan il-Ġnien sabiex iservi ta' *Contract Manager*.

50.08.07 Is-Sindku nfurmat li Ambjent Malta kienu nfurmawna li t-*tender* għall-proġett fin-naħa t-isfel tal-*iSculpture Garden* kien ġie aġġudikat u kien jonqos biss li d-Dipt. tal-Kuntratti jinforma lill-kuntrattur rebbieħ sabiex ix-xogħol ikun jista' jibda immedjatament.

50.08.08 Is-Sindku ħabbret li r-Reġjun Nofsinhar kien ser jorganizza tiġrija taż-żwiemel bħala parti mill-attivitajiet tar-Reġjun Kulturali għas-Sena 2023 fejn kull Lokalita' kien ser ikollha żiemel abbinat magħha. Ġie approvat li għal din l-okkażjoni, l-Kunsill għandu jorganizza trasport għar-residenti lejn il-Marsa u lura.

50.08.09 Is-Sindku infurmat li fl-okkażjoni tal-Ġurnata dedikata għall-Epilepsija, bejn il-11 u t-13 ta' Frar konna ser nixgħelu d-dawl fi Trejqet l-Ibisku bil-vjola.

50.08.10 Is-Sindku qrat ittra mingħand is-Sinjura Lydia Abela bħala ringrazzjament għall-parteċipazzjoni tal-Kunsilli fil-kampanja Rigal bi Mħabba 2022.

50.08.11 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna talba sabiex issir laqgħa ma' uffiċċjali mill-*Community & Therapeutic Services (ACTS)* dwar koperazzjoni bejn l-ACTS u l-Kunsill. Il-Kunsill approva li ssir din il-laqgħa.

50.08.12 Is-Sindku nfurmat li konna ġejna nfurmati mid-DLG li l-ebda Kunsill ma jista' jieħu inizjattivi relatati mal-immaniġġjar tal-iskart barra mill-iskeda nazzjonali.

50.08.13 Is-Sindku issuġġeriet li fl-okkażjoni tal-Għid, fit-8 ta' April issir *Easter Egg Hunt* fil-Ġnien tas-Serenita' kif ukoll Figolla u *Photographic Exhibitions* li jkunu miftuħa għal kulħadd. Dan kollu ġie approvat.

50.08.14 Is-Sindku nfurmat li fl-10 ta' Frar kienet ser issir mixja minn Marsaxlokk sa' Birżebbuġa li ser isservi sabiex jinġabru fondi għat-tifla ta' Kunsilliera ta' Birżebbuġa li bħalissa qed tirċievi l-kura ġewwa Londra. Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza trasport lejn Marsaxlokk u lura minn Birżebbuġa.

**50.09 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

50.09.01 Is-SE nforma li ma kienx hemm mistoqsijiet.

**50.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

50.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:25 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 20 ta' Frar 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |